**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019.**

**Rikors nru: 410/2019 AGV**

**AB ( ID nru: 196390M )**
**Vs**
**CB (ID nru: 112277 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **AB ( ID nru: 196390M)** fejn ippermetta u talab is-segwenti ;

1. Illi l-partijiet zzewwgu nhar is- 27 ta' Gunju 2001, u minn daz-zwieg, ma kellhom l-ebda ulied,
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mill-4 ta' Settembru 2013, permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dr. Paula Mamo, liema kuntratt jinsab hawn esebit u mmarkat bhala Dok A;

3. Illi m’ hemm l-ebda prosett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment  separata minn xulxin.
4. Illi m’ hemmx kwisjtoni ta’ manteniment  lill-intimata.
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju, skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civli, Kap.16 ta-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant,   umilment jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qori, joghgobha,

1. Tipprunuznja l-hall taz-zwieg tal-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li fis-seduta tat-Tnejn 28 ta’ Ottubru 2019, dehret CB, li mhix topponti ghal tali divorzju.

Rat l-affidavit tal-intimata.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**